**Qorti Civili**
**(Sezzjoni tal-Familja)**

**Onor. Imhallef Robert G. Mangion, LL.D.**
**Dip.Tax (MIT), P.G.Dip. Mediation (Melit.)**

**Illum 22 ta' Marzu 2017**

Rikors Guramentat Nru. 82 / 16/ 1RGM

Kawza fil-lista: 4

**A B**
**vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-konvenut tal-20 ta' Lulju 2016 li permezz tieghu ippremetta u talab is-segwenti:-

1. Illi l-esponenti kien gie notifikat bl-avviz tas-smigh tal-kawza odjerna fit-2 ta' Mejju 2016;

2. Illi l-esponenti ma jafx jikteb u jaqra u konsegwentement ma rrealizzax l-importanza tad-dokumenti li kien ghadu kif ircieva u haseb li dak li kien mistenni minnu kien l-attendenza tieghu fid-data indikata fl-avviz tas-smigh, kif fil-fatt gara u gie rifless fil-verbal tal-ewwel seduta ta' din il-kawza fis-16 ta' Gunju 2016:

" Meta ssejhet il-kawza, dehret Dr Fransina Abela ghall-attrici prezenti u deher il-konvenut."

3. Illi l-esponenti jixtieq jigi awtorizzat jipprezenta r-risposta ghar-rikors promotur u ghalhekk qieghed jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tawtorizzah jaghmel l-istess;

4. Illi fin-nuqqas ta' din l-awtorizzazzjoni l-esponenti mhu ser ikollu ebda triq ohra hlief li jintavola proceduri godda fuq l-istess mertu kontra l-intimata, l-attrici A B, u sussegwentement jitlob li z-zewg kawzi jinstemghu flimkien;

5. Illi hu fid-dawl ta' din l-eventwalita' li, sabiex ma jintilifx aktar zmien u jigu evitati aktar spejjez ghaz-zewg partijiet, l-esponenti qieghed jitlob lil din l-Onorabbli Qorti tawtorizzah iressaq ir-risposta tieghu ghal dawn il-proceduri;

Ghaldaqstant u in vista tas-suespost, l-esponenent jitlob lil din l-Onorabbli Qorti:

1. Tawtorizza lill-esponenti jressaq ir-risposta guramentata tieghu ghar-rikors promotur;

2. Tiffissa perjodu ta' zmien sabiex iressaq ir-risposta guramentata tieghu ghar-rikors promotur;

U dan salv kull provvediment iehor li din l-Onorabbli Qorti joghgobha timponi.

Rat illi r-rikors gie notifikat lill-attrici fl-1 ta' Awwissu 2016 izda ma pprezentatx risposta.

Rat illi r-rikors ghamel xi zmien ma kienx jinstab fl-atti tant li gie rikostruwit sakemm eventwalment gie rintraccjat u inserit fil-process.

Rat l-affidavit tal-konvenut tal-20 ta' Dicembru 2016 referibbli ghar-rikors de quo. Huwa xehed:

*1. Meta jien u marti konna ghadna tajbin flimkien, ahna konna nghixu 47,Maypole Court, Triq Amleto Spiteri, Qormi.*

*2. Pero` ftit wara li bdew il-proceduri ta' separazzjoni, jien hrigt mid-dar u mort nghix ma' missieri li illum ghandu tnejn u tmenin (82) sena. Ommi giet nieqsa fis-sena 2011.*

*3. Missieri ma kienx ta' skola u kien jahdem bhala pastizzar f'Hal Qormi stess.*

*4. Jien ta' 16-il sena kont waqaft l-iskola u kienet bdiet il-hajja ta' avventura tieghi u kont nghin lil missieri fix-xoghol ta' pastizzar.*

5. *Meta spiccajt mill-iskola ta' 16-il sena, jien ma kontx naf naqra u lanqas nikteb. Sallum naf nikteb biss ismi u l-kunjom tieghi. Jien qatt ma ghamilt ezami, la l-iskola, la O'Levels u wisq anqas A' Levels.*

6. *Meta kien gie il-marixxal ghand missieri u tani l-karti tas-separazzjoni, l-Marixxal kien sab lili d-dar u meta tani l-karti, jien kont poggejthom fuq il-mejda tal-kcina. X'hin kien gie missieri, hu kien qalli li kelli nkun il-Qorti f'Gunju 2016 u fil-fatt jien hekk ghamilt.*

7. *Il-problema li nqalghet u l-problema li jien sibt ruhi fiha hi ghaliex jien ma nafx naqra. Li kienu jien kont naf naqra, jien kont inkun naf x'kien hemm miktub fil-karti li rcevejt bil-Marixxal u kont nehodhom dritt ghand l-Avukat. Minflok li mort il-Qorti fid-data li missieri kien qalli li kien hemm miktub fuq il-karti.*

Rat il-kontro-ezami tal-konvenut fis-seduta mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju fis-17 ta' Jannar 2017: *"Jiena la naf naqra u lanqas naf nikteb. Jiena semplicemnet naf nikteb ismi u kunjomi. Il-bqija ma nafx nikteb u lanqas naqra. Qed nigi mistoqsi meta ircevejt ir-rikors guramentat x'ghamilt bih u naf li kont ircevejt karta li irrid nitla l-Qorti u aktarx incevietha il-mara stess A B din il-karta u qaltli ghada ghandna nibdew il-Qorti. Jiena pero qatt ma rajt karti. Qed nigi mistoqsi li jiena mort b'din il-karta ghand l-Avukat, pero jiena ma niftakarx x'ghamilt ezatt bil-karta l-ewwel darba li ircevejtha. Qed nigi mistoqsi jekk jiena irecvejthiex f'Mejju u inwiegeb li jiena ma jidhirlix. Jekk tigi tghidli sitt xhur ilu din il-karta liema kienet jiena ma nafx nghidlek sewwa. Meta gie il-Marixxall jiena kont id-dar. Lanqas qalli x'hemm u x'mhemmx fiha u kif gia xehdt rna nafx naqra. Ghamiltha fejn hemm cint fejn inqeghdu karti hemmhekk sabiex ikun jista jaqrhom missieri. Missieri ma tantx jaf jaqra wkoll. Kont sirt naf li kienet karta mill-Qorti meta missieri ghaddiha lill-ohti u qallha biex immur ghand l-Avukat biha. Meta jiena rajt lill-Marixxall l-ewwel darba ma rrealizzajtx li kienet karta tal-Qorti. Meta qed nirreferi ghal missieri li ma jafx jaqra qed nitkellmu fuq bniedem ta' tlieta u tmenin sena wkoll. Jiena u l-mara ilna gejjin il-Qorti mis-sena 2015. Hafna karti ircevejt u lanqas nghoddhom. Nitlob ghal ghajnuna anke minghand hbieb rigward qari ta' dawn il-karti. Missieri biex jaqra irid in-nuccali u meta ma jsibx tarf jghidli biex immur inkellem Avukat. Dakinhar kien qalli biex immur inkellem Avukat. Jiena domt qisu xahar u nofs sakemm mort inkellem Avukat. Ma nistax niftakar ghaliex domt daqshekk."*

Semghat it-trattazzjoni tal-Avukat tal-konvenut fl-udjenza tal-24 ta' Jannar 2017.

Ikkonsidrat;

**Ligi u Gurisprudenza.**

**Artikolu 156 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta** jipprovdi illi**:-**

(1) Ir-rikors ġuramentat għandu jitlesta mill-attur u għandu jkun fih -
(*a*) dikjarazzjoni li tfisser b'mod ċar u sewwa l-oġġett tal-kawża f'paragrafi numerati separatament, sabiex isaħħaħ it-talba tiegħu u jiddikjara wkoll liema fatti huwa jaf bihom personalment;
(*b*) ir-raġuni tat-talba;
(*ċ*) it-talba jew it-talbiet li għandhom ikunu enumerati; u
(*d*) f'kull rikors ġuramentat għandu jkun hemm stampat b'ittri ċari u preċiżi taħt l-intestatura tal-Qorti dan il-kliem li ġej:
"Min jirċievi dan ir-rikors maħluf kontra tiegħu għandu jippreżenta r-risposta maħlufa tiegħu fi żmien għoxrin (20) jum mid-data tan-notifika, cioè minn meta jirċeviha. Jekk ma tiġix
ippreżentata r-risposta maħlufa bil-miktub kif trid il-liġi saż-żmien imsemmi, il-Qorti tgħaddi
biex tagħti d-deċiżjoni skont il-liġi.
Għalhekk huwa fl-interess ta' min jirċievi dan ir-rikors maħluf li jkellem avukat bla dewmien sabiex il-Qorti tisma' x'għandu xi jgħid fil-kawża."

**Artikolu 158 (10) tal-Kap 12** tal-Ligijiet ta' Malta:-

" (10) Jekk il-konvenut jonqos li jippreżenta r-risposta ġuramentata msemmija f'dan l-artikolu, il-qorti tiddeċiedi l-kawża bħallikieku l-konvenut baqa' kontumaċi kemm-il darba ma jippruvax għas-sodisfazzjon tal-qorti raġuni tajba li għaliha naqas li jippreżenta r-risposta ġuramentata fiż-żmien li jmiss. Il-qorti għandha, madankollu, qabel ma tagħti s-sentenza, tagħti lill-konvenut żmien qasir li ma jistax jiġġedded biex fih jagħmel sottomissjonijiet bil-miktub biex jiddefendi ruħu kontra t-talba tal-attur. Dawk is-sottomissjonijiet għandhom jiġu notifikati lill-attur li jkollu żmien qasir biex jirrispondi."

Id-decizjoni l-aktar iccitata f'materja ta' kontumajca hija dik fl-ismijiet **Vittoria Cassar vs Carmelo Vassallo** deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fid-29 ta' Mejju 1937 (Vol XXIX.i.1581) mill-Imhallef William Harding fejn fiha gew elenkati l-principji li gejjin rigwardanti l-kontumacja:-

(1) Il-kontumacja ma tistax tigi ritenuta gustifikata jekk kienet volontarja;
(2) Lanqas tista' tigi gustifikata jekk kienet almenu kolpuza;
(3) Biex ikun hemm lok ghall-gustifikazzjoni hemm bzonn li tigi pruvata kawza gusta;
(4) Din il-kawza gusta ghandha tkun tikkonsisti f'impediment legittimu;

(5) L-impediment, biex ikun legittimu, ghandu jkun indipendenti mill-volonta` tal-kontumaci;
(6) L-izball m'hux impediment legittimu jekk ma jkunx zball invincibbli, ghaliex jekk ikun vincibbli, allura jigi ekwiparat ghall-kolpa;
(7) Dan l-impediment legittimu jista' jkun, kif intqal, "una necessita' impellente di chiamata ad altri doveri imprescindibili";
(8) L-impossiblita' li wiehed jidher ghas-subizzjoni jew almenu d-diffikulta` gravi, biex tista' tikkostitwixxi impediment legittimu ghandha tkun fizika, u eccezzjonalment biss tista' tkun morali.

**Noel Calleja et vs Middlesea Valletta Life Assurance Co. Ltd** – Qorti ta' l-Appell 28 ta' Jannar 2005:-

"L-istitut tal-kontumacja minn dejjem kien suggett ta' kontroversja. Dan hu hekk minhabba l-fatt li l-effetti tieghu – ta' natura punittiva – huma odjuzi. L-istitut tal-kontumacja huwa msejjes fuq il-presuppost li l-imharrek, bin-nuqqas tieghu li jwiegeb ghax-xilja u t-talba tal-parti attrici, ikun wera dispett lejn is-sejha tal-Qorti biex jidher quddiemha, liema dispett il-ligi thares lejh bhala ghemil li jisthoqqlu piena – dik li ma jkunx jista' jindahal fit-tressiq ta' provi billi dan jammonta ghal forma ta' dizordni socjali……………… Dik il-prezenza ta' l-imharrek – fatt fih innifsu pozittiv – hija invece mehtiega bhala parti mill-indagni li tkun trid issir mill-Qorti biex tistabilixxi jekk kienx hemm tassew "kawza gusta" jew le. Dan hu hekk ghar-raguni li l-gustifikazzjoni ta' kontumacja ghandha tibqa' titqies bhala eccezzjoni ghar-regola li l-imharrek hu tenut li jwiegeb bil-miktub b'nota fiz-zmien stipulat fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedurali Civili, u bhala tali l-eccezzjoni m'ghandha qatt tipprevali u tissupera dik li hija r-regola." [Ara wkoll. **Vella pro et nomine v. Vella**, Appell Kummercjali, 21 ta' Mejju 1993, (Koll. Vol. LXXVII – II – 170); **Paul Grixti vs Direttur tax-Xogholijiet Pubblici**, deciza mill-Qorti ta' l-Appell Civili fit-12 ta' Dicembru 1975, **Margaret Bugeja et vs Alfred Ellul** deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fit-13 ta' Jannar, 1999). "**Samchrome Fze vs Koncar Danko Et**" moghtija mill-Qorti tal-Appell fil-11 ta' Marzu 2016.]

Ikkonsidrat;

Il-konvenut isostni illi ir-raguni ghaliex ma pprezentax risposta guramentata fit-terminu u minflok deher ghall-ewwe seduta quddiem il-Qorti kienet peress li ma jafx jikteb u jaqra. Ma jaghti l-ebda raguni ohra ghaliex ma pprezentax risposta guramentata fi zmien ghoxrien mill-jum li fih Marixxal tal-Qorti ghaddielu personalment kopja tar-rikors guramentat u tal-avviz tas-smiegh.

Fil-fehma tal-Qorti li wiehed ma jafx jaqra u jikteb ma hux sufficjenti sabiex jiggustifika l-kontumacja. Una volta rcieva dokumenti mill-Qorti mghoddija lilu

personalment minn ufficjal tal-Qorti, il-konvenut kien fid-dover li jfittex immedjetament assistenza legali. Non centra l-fatt li ma jafx jaqra. Il-konvenut addirittura xhed illi missieru stess tah parir sabiex ifittex l-ghajnuna ta' Avukat. In kontro-ezami xhed illi ghalkemm missieru stess kien qallu sabiex imur ikellem Avukat, dam xahar u nofs sabiex avvicina Avukat. Mistoqsi ghaliex dam daqshekk irrisponda: "Ma nistax niftakar ghaliex domt daqshekk".

Huwa evidenti illi in-nuqqas da parti tal-konvenut li jipprezenta risposta guramentata hija rizultat dirett ta' traskuragni. Mhux permess lill-Qorti tinjora tali agir ghaliex il-konvenut jargumenta illi jekk ma jinghatax il-permess jipprezenta risposta guramentata f'din il-kawza allura behsiebu jistitwixxi proceduri ohrajn. Tali ragunament, ghalkemm huwa bazat fuq dak li jista' jkun prattiku, pero' ma fihx fondament legali u ghalhekk il-Qorti qed tiskartah.

**Decide.**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed tichad ir-rikors.

Bl-ispejjez relatati ma' din is-sentenza in parte kontra l-konvenut.

**Imhallef** **Deputat Registratur**